MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2004

Numru. 278/2002

PULIZIJA
SPETTUR PAUL VASSALLO
VS
RAMONA VASSALLO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Ramona Vassallo ta’ 30 sena bInt Christino u Pia Maria nee Bartolo imwielda Attard fil-5 ta’ Settembru 1971 u toqghod 280, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar ID Card No 413371M talli fil-11 t’April 2002 ghal habta ta’ xi 11.45am fil-Belt Valletta attakkat jew ghamlet resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-persuna ta’ WPC175 Vanessa GrIxti, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qeghda tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtja skond il-ligi minn awtorita kompetenti u dan bi ksur tal-artikolu 96(a) tal-kap9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli ingurjat u heddedt lil WPC175 Vanessa Grixti, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienet taghmel jew minhabba li kienet ghamlet dan is-Servizz jew bil-hsieb li tbezzaghha jew li tinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz bi ksur tal-artikolu 95(1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli ikkagunat offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-imsemmi WPC175 Vanessa Grixti skond kificcertifika Dr S Zammit MD tac-Centru tas-Sahha tal-Furjana u dan bi ksur tal-artikolu 221(1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli volontarjament kisret il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli qalet fil-pubbliku kliem indicenti u oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f'dagha u dan bi ksur tal-artikoli 338(bb) u 342 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli hebbet kontra l-persuna ta' WPC175 Vanessa Grixti sabiex tingurja, idejjaqha jew taghmilla hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat id-dokujmenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi Spettur Paul Camilleri gie infurmat minn WPC175 Vanessa Grixti illi dan l-ufficjal tal-pulizija gie aggrediet waqt li kienet duty fl-Evans Laboratory ID Card Section, mill-imputata.

Jirrizulta illi kien hemm argument bejn l-imputata u WPC175 li spicca biex l-imputata heddedt lil WPC175 u

ghamlitilha griehi ta’ natura hafifa kif jirrizulta min certifikat dok PC1.

L-imputata irrilaxxat stqarrija dok PC2 li fiha stqarret illi hija kienet tirregistra ghax-xoghol u tghix bir-relief. Illi kienet nizlet il-Belt xi l-11.15am sabiex taghmel ID Card ghax kienet tilfet taghha u kellha bzonn wahda gdida urgenti.

Illi wara li qadet fil-kju l-imputata qalet illi meta messietha it-turn, WPC175 infurmata illi kien jehtieg li jsir rapport lill-pulizija.

Illi minhabba illi hi kellha bzonn l-ID Card urgenti, l-imputata insistiet illi tinghata ID Card temporanja.

L-imputata iddikjarat illi min hawnhekk WPC175 bdet tghajjat maghha u qaltilha biex tohrog il-barra. L-imputata talbitha taghtiha raguni jew spjegazzjoni il-ghaliex ma hallitiex taghmel ID Card temporanja.

L-imputata sostniet fl-istqarrija illi f’dan il-mument WPC175 qamet min fejn kienet u qabdietha min ghonqha u li hija (l-imputata) lewitilha idha “anzi nghid li ma tajtiex daqqa ta’ ponn, u dana m’ghamiltux ghax kienet bl-uniformi”.

Min hemmhekk l-imputata giet arrestata u mehuda id-depot. Ammettiet illi hija bdiet tghajjar lil WPC175 u kelmitha hazin “anki ghidtilha li kont ser npattihielha” (ara dok PC2 a fol 27 u 28).

L-imputat stqarret “irrid nghid illi din il-pulizija mara baqghet tipprovokani sakemm gew il-pulizija tal-Belt u issa qed tipprova tilghabha tal-vittma”.

Emanuel Cassar, tas-Social Security, xehed illi l-imputata kienet tircievi ghajnuna mid-Dipartiment taghhom u dana f’ammont ta’ Lm10 u li kienet applikat bex tircievi unemployment assistance. Jirrizulta wkoll min Saviour Theuma illi l-imputata tircievi children’s allowance.

.Dr Stanley Zammit a fol 35 ikkonferma ic-certifikat mediku ta’ WPC 175 u kklassifika il-griehi bhala dawk ta’ natura hafifa.

PS1444 Kenneth Brignano xehed a fol 38 et seq, illii kien gie infurmat dwar l-inicdent li fih kienet involuta Ramona Vassallo u kien kellem lil WPC175. Xehed wkoll illi l-imputata kienet qaltilhom illi hija kienet filfatt marret taghmel rapport l-ghassa tal-pulizija ghar-rigward l-ID Card u li fil-fatt meta l-pulizija ndagaw sabu illi l-imputata ma kienet ghamlet ebda rapporti.

L-imputata Ramona Vassallo a fol 46 xehdet illi hija kienet tilfet l-ID Card u marret taghmel wahda gdida peress illi l-gharus taghha kien qieghed il-Habs u riedet tmur izzuru. Tammetti illi hija kienet diga tilfet l-ID Card taghha xi gimghatejn qabel.

L-imputata xehdet illi WPC175 qabdet tghajjat maghha u bdiet tkeccieha il-barra minghajr spjegazzjoni li hija kellha tmur taghmel rapport.

L-imputat spjegat illi hija qaltilha ir-raguni il-ghaliex kellha bzonn l-ID Card u li WPC175 minghajr spjegazzjoni “giet aggressiva fuqi”.

Tinnega illi l-imputata dahlet wara il-mejda hdejn WPC175 u ssostni illi kienet WPC 175 illi marret hdejha waqt illi hija kienet hdejn il-bieb. Spjegat illi WPC175 kienet qabditha minn ghonqha u kienet aggressiva hafna maghha.

Xehdet (ara fol 50) illi WPC175 bdiet tghajjarha li hi drogata u li hija mbaghad bdiet toffendieha lura.

In kontro ezami l-imputata xehdet illi hija kienet tilfet l-ID Card taghha “xi erba darbiet”.

Mistoqsija jekk kelliex tmur taghmel rapport lill-pulizija dwar it-telfien tal-ID Card qabel issirilha wahda gdida l-imputata irrispondiet “le mhux dejjem” u qalet illi id-darba ta’ qabel hija kienet ghamlet ir-rapport wara u mhux qabel li kienet tilfet l-ID Card.

Mistoqsija kemm il-darba jistax jkun illi kienet qed titfixkel minhabba li dak iz-zmien kienet fuq id-drogi u ma kentx f'sensieha, l-imputata baqghet tishaq illi hekk gara.

Mistoqsija jekk almenu tiftakarx illi meta giet arrestata fuq dan il-kaz il-pulizija kienu sabu u tawha il-portmoni taghha li fih jikkontjeni l-istess ID Card li dwaru inqala l-incident, l-imputata wara illi innegat dan, xehdet "jista jkun, hekk hu" (a fol 54).

Ghal rigward il-griehi ta' WPC175 l-imputata tammetti illi l-griehi rigward il-polz ta' WPC 175 setghet ghamlithom hi meta kienet qed tipprova tiskapola lil WPC175.

A fol 57 l-imputata ammettiet illi hija kienet irrabjata dakinhar "le, tirrabja, dik igifieri. Tibblenkja bir-rabja".

Illi fil-mori tal-kawza l-imputata kienet dahlet fi programm residenzjali kontra l-vizzju tad-droga u qabel ma ikkompletat dan il-programm hja kienet get sospiza mill-programm il-ghaliex kienet kissret wahda mir-regoli "Kardinali" (fol 63 xhieda ta' Karm Borg).

Ikkunsidrat:-

Illi mill-kumpless tax-xhieda jirrizulta b'mod car illi fi fiz-zmien ta' dan l-incident l-imputata kienet qed issofri min effetti ta' dipendenza fuq d-droga.

Illi dan johrog b'mod lampanti mhux biss mix-xhieda tal-imputata quddiem din il-Qorti u l-manjiera li biha l-imputata ripetutament ikkontradixxiet lilha innifisha u s-sekwenza ta' kif graw l-affarijiet, izda johrog b'mod carissimu wkoll meta wiehed jiskontra ix-xhieda taghha ma dak illi hemm kontenut fl-istqarrija taghha dok PC2. Dan qieghed jinghad il-ghaliex hija risaputa il-procedura illi ghandha tittehed meta wiehed jitlef l-ID Card. Illi din il-procedura l-imputata kienet tafha ben tajjeb stante li kienet tilfet l-Id Card taghha almenu xi erba darbiet: l-ahhar okkazzjoni li fiha tilfitha kienet biss xi gimghatejn qabel l-incident de quo.

Illi mhi xejn kredibbli il-versjoni li tat l-imputata illi ma kienetx taf illi wiehed jrid jaghmel rapport lill-pulizija **qabel** ma ssir IDCard gdida. Biss biss l-imputata kienet ghaddiet min din it-tip ta' procedura almenu erba darbiet. Illi in oltre, li huwa aktar importanti, l-imputata fl-istqarrija taghha issostni fil-fatt illi hija kienet **diga ghamlitu** ir-rapport l-Ghassa tal-Pulizija.

Illi l-pulizija gabu il-prova illi dan ir-rapport qatt ma sar.

Illi in oltre jirrizulta b'mod konkrett illi l-imputata dak iz-zmien ma kenitx f'sensieha minhabba li, kif tammetti hija stess, kienet dipendenti fuq id-droga. Infatti l-anqas biss tiftakar illi fil-gurnata ta' dan l-incident ftit wara li giet arrestata il-pulizija irritralcjaw il-portmoni taghha li gie ritornat lilha, liema portmoni kien jikkontjeni l-famuza ID Card.

Illi ghaldaqstant il-Qorti rinfaccata bix-xhieda preciza ta' WPC175 u ix-xhieda l-ohra tal-prosekuzzjoni ma tarax ill tista taghti xi forma ta' affidibilita fit-testimonjanza tal-imputata li mhux biss mhijiex kredibbli imma hija kwazi inkoerenti.

Illi del resto l-akkuzi kif dedotti huma anki ammessi mill-imputata stess li tafferma illi giet fl-idejn ta' WPC175, li lewitilha idejha, li ghajrietha u li heddidtha.

Illi in oltre gie stabbilit bla dubbju dettat mr-raguni illi l-imputata qallghet dan l-incident sabiex WPC175 thallieha taghmel l-ID Card bin-nuqqas ta' tharis tar-regolamenti procedurali normali.

Il-Qorti rat wkoll illi fil-mori tal-kawza l-imputata get ammessa fi programm residenzjali tar-riabilitazzjoni kontra id-droga li minnu giet imkeccija gimghatejn qabel ma kkompletatu.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-ewwel hames akkuzi, bis-sitt akkuza kompriza u involuta, u wara li rat Art 96A, 95(1), 221 (1), 338 (dd), (bb), 342

tal-kap 9, Art 22 tal-kap 446 tillibera lill-imputata bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat fi zmien tmintax il-xahar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------